## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 3 | SOCIAL STUDIES (GENERAL) | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Name: _______________________________ Class: _______________

**TAQSIMA A**

**Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sinjal taħtha.**

1. L-attitudni tal-bniedem lejn l-oħrajn hija
   a. il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' l-iskola.
   b. kif inħarsu lejn il-ħajja u kif inġibu ruħna mal-bnedmin l-oħra.
   c. jekk il-bnedmin hux kalm jew nervuż.

2. Il-liġijiet tal-pajjiż jeżistu biex
   a. inaqqsu l-liberta' tal-poplu.
   b. jiġu interpretati fil-qorti.
   c. jirregolaw il-ħajja taċ-ċittadin.

3. Biex nieħu ħsieb saħħti
   a. nieħu l-mediċina.
   b. niekol u nixrob kemm niflaħ.
   c. nagħżel stil ta' ħajja tajjeb.

4. F'soċjeta' fejn mhux kulħadd ikun ta' l-istess fehma
   a. hi haġa normali u tista' sservi ta' ġid.
   b. min ma jaqbilx irid jitlaq minn dik is-soċjeta'.
   c. min huwa l-aktar b'saħħtu għandha tgħaddi tiegħu.

5. Il-bniedem jinħtieġ li jkun jaf dwar dak li jiġri madwaru
   a. b'hekk iqatta' siegħa żmien.
   b. għax b'hekk iżomm ruħu nfurmat u jkun jista' jagħti opinjoni.
   c. għax ikun bżonnjuż għax-xogħol tiegħu

6. Kultura tfisser
   a. ħidma soċjali għall-ġid ta' persuni b'diżabilita'.
   b. sensiela ta' superstizzjonijiet u twemmin popolari.
   c. sistema ta' ideali, valuri, twemmin u drawwiet li jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra.

7. L-istudji Soċjali jgħin lill-istudenti
   a. billi jinkoraġġihom jaħsbu b'mod tajjeb u indipendenti.
   b. jsiru professjonisti
   c. jikkompetu ma' sħabhom.

8. Il-ftehim kollettiv jiġi iffirmat
   a. mill-ħaddiema bejniethom.
   b. mill-gvern u l-ħaddiema.

c. mir-rappreżentanti tal-ħaddiema u r-rappreżentanti ta' min iħaddem.

9. Nuri rispett lejn is-superjuri tiegħi billi
   a. inqis ruħi daqshom.
   b. Nirrispondihom bla prudenza.
   c. inkellimhom kif jixraq.

10. In-nefqa ta' l-istat tiġi iffinanzjata minn
   a. għotjiet u rigali.
   b. taxxi.
   c. qligħ u profitti. **(10 marki)**

**TAQSIMA B**
**<u>Imla l-vojt b'dawn il-kliem.</u>**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| valuri tas-soċjeta' | iżvilupp sostenibbli | ġustizzja | gvern | psikoloġika |
| relazzjonijiet industrijali | teknoloġija | drittijiet | ekonomija | dmirijiet |

1. Id- ______________________ ifissru l-obbligi li ċ-ċittadin għandu lejn ċittadini oħra u lejn s-soċjeta' tiegħu.
2. Ir- __________________________ huma r-relazzjonijiet bejn min jaħdem u min iħaddem u r-rappreżentanti tagħhom fuq il-post tax-xogħol.
3. Il- __________________________ tfisser li kull bniedem jieħu dak li jixraqlu ta' bniedem li hu, bħala rikonoxximent li n-natura umana għandha dinjita' u jistħoqqilha rispett fiha nnifisha.
4. Id- _________________________ huma mġiba u attivitajiet li ċ-ċittadin jista' jwettaq għax huma marbutin mal-ħtiġijiet naturali, soċjali u politiċi tal-bnedmin.
5. Il- __________________________ huma l-prinċipji ta' x'inhu sewwa u ta' x'inhu ħażin, prinċipji li jwassluna biex inġibu ruħna b'modi korretti fis-soċjeta'.
6. L- ___________________________ hija dik il-qasam tal-ħajja soċjali li torganizza l-ħolqien u t-tqassim tal-ġid.
7. L- __________________________ hu t-tħaddin ta' kwalita' ta' ħajja li ma tipperikolax u ma tnaqqasx il-kwalita' ta' ħajja ta' min għad irid jitwieled u jgħix warajna.
8. It- __________________________ hija s-sengħa jew il-kapaċita' li biha tista' twettaq biċċa xogħol.
9. Meta ngħidu saħħa ___________________________ nifhmu dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-imġiba tal-bniedem bħala riżultat ta' kif jaħdem moħħu.
10. Il- __________________________ huwa iffurmat minn nies li għandhom is-setgħa li jagħmlu l-liġijiet u joħorġu ordnijiet li jkunu għall-ġid u fl-interessi taċ-ċittadini kollha.

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ**
**<u>Agħti tifsira ta' dawn il-kliem.</u>**

1. Valuri ċiviċi

2. Demokrazija

3. Setturi ekonomiċi

4. Konsumatur

5. Trade Union

6. Qgħad

7. Villaġġ globali

8. Komunikazzjoni soċjali

9. Informatika

10. Saħħa ħolistika

**(30 marka)**

**TAQSIMA D**
**<u>Aqra din is-silta u wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>**

Id-demokrazija titlob li kull ċittadin adult ikollu vuċi. U l-vuċi ta' kulħadd, sew jekk wieħed ikun żagħżugħ jew anzjan, sew jekk ikun l-akbar sinjur jew l-ifqar bnedmin, ikollha l-istess saħħa.

Il-politiċi li jingħażlu mill-maġġoranza jiggvernaw, u dawk li jirrappreżentaw il-fehma tal-minoranza jkunu l-Oppożizzjoni, jgħassu l-operat tal-Gvern u huma disponibbli bħala "gvern alternattiv".

Iċ-ċittadini kollha, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, jipparteċipaw b'mod sħiħ u ħaj fil-proċess demokratiku. Irid ikun hemm tolleranza minn naħa lejn l-oħra biex dan il-proċess jitħaddem kif jixraq. Fl-istess ħin, dan il-proċess ma jistax ikun jirrifletti r-rieda ġenwina tal-poplu jekk, l-ewwelnett, iċ-ċittadini ma jiħdux interess u jinfurmaw irwieħhom dwar l-għażliet li jkunu mistennija jagħmlu minn żmien għal żmien, u it-tieni, jekk iċ-ċittadini ma jkollhomx it-tagħrif meħtieġ li jgħinhom jagħmlu l-għażliet li jkunu mitluba jagħmlu.

a. X'differenza tgħaddi bejn Gvern u Oppożizzjoni?

b. Għaliex il-Membri Parlamentari jissejħu Rappreżentanti tal-Poplu?

c. X'tifhem bil-kliem 'Prim Ministru' u 'Kabinett'?

d. X'differenza tgħaddi bejn gvern ċentrali / nazzjonali u gvern lokali?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

e. X'differenza hemm bejn 'Gvern' u 'Parlament'?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(25 marka)**

**TAQSIMA E**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb mhux inqas minn 200 kelma dwaru.</u>**

1. Bniedem ċivilizzat jista' jġib armonija u paċi fil-pajjiż.

2. Is-saħħa fuq il-post tax-xogħol m'għandhiex tkun limitata biss għal ħidma ta' prevenzjoni. X'tifhem?

3. Il-mezzi ta' komunikazzjoni ta' kull għamla huma servizz essenzjali għall-iżvilupp ta' pajjiż. Għid kif.

4. Il-konsum fi żminijietna sar jiddependi ħafna mir-reklamar fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni. X'taħseb?

5. Dak li nieklu hu importanti għal saħħitna, imma dak li jgħodd l-aktar hu li nkunu bilanċjati kemm fid-dieta tagħna kif ukoll fl-imġiba tagħna. Ikkummenta.

**(25 marka)**